



Brussell, 22 ta' Mejju 2026
(OR. en)

12924/25

LIMITE

CORLX 897
CFSP/PESC 1345
COHOM 142

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 li tikkonċerna miżuri restrittivi
kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999¹.
- (2) Fit-8 ta' Diċembru 2020, permezz tad-Dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, f'isem l-Unjoni Ewropea, dwar ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha affermaw mill-ġdid l-impenn qawwi tagħhom lejn il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem jenfasizza d-determinazzjoni tal-Unjoni li ssaħħaħ ir-rwol tagħha fl-indirizzar ta' ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Il-kisba tat-tgawdija effettiva tad-drittijiet tal-bniedem għal kull persuna hija għan strateġiku tal-Unjoni. Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem huwa valur fundamentali tal-Unjoni u tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tagħha.
- (3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Marzu 2026, il-Kunsill Ewropew ikkundanna bil-qawwa il-vjolenza tal-insedjamenti li tkompli u li qed tikber kontra l-popolazzjoni ċivili Palestinjana u reġa' tenna l-appell tiegħu lill-Kunsill biex imexxi 'l quddiem il-ħidma fuq aktar miżuri restrittivi kontra l-abitanti estremisti tal-insedjamenti u l-entitajiet u l-organizzazzjonijiet li jappoġġawhom.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999 tas-7 ta' Diċembru 2020 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem (ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/1999/oj>).

- (4) F'dak il-kuntest, jenħtieġ li ħames persuni u erba' entitajiet jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
"136.	Daniella Weiss	וייס דניאלה (Ortografija bl- Ebrajk)	Data tat-twelid: 30.8.1945 Post tat-twelid: Beneh Brak, Mandatory Palestine (issa Israel) Nazzjonalità: Iżraeljana Sess: mara	Daniella Weiss hija d-Direttur ta' Nachala Movement ("Nachala"). Nachala għandu l-għan li jippromwovi l-insedjamenti Lhud u l-insedjamenti mhux uffċjali illegali fix-Xatt tal-Punent. Permezz tal-attivitajiet tiegħu, Nachala għandu rwol strumentali fl-iffaċilitar u l-inkoraġġiment ta' atti koerċittivi li jwasslu għall-ispostament furzat tal-Palestinjani u jiksru d-dritt tagħhom għall-proprjetà, id-dritt tagħhom għall-ħajja privata u dik tal-familja u d-dritt tagħhom għall-awtodeterminazzjoni, kif ukoll id-dritt għall-ħajja u għall-integrità fiżika.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>L-insedjamenti mhux uffiċjali ta' Nachala, bħal Evyatar, Maoz Esther, Oz Zion, Ramat Migron, Nachalat Zvi, u Haeitam Farm, kienu sorsi persistenti ta' vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti. Bosta insedjamenti mhux uffiċjali ta' Nachala, fosthom Yahish Zion, Maoz Esther, Oz Zion u Ramat Migron, inbnew fuq art Palestinjana privata. L-insedjamenti mhux uffiċjali kollha ta' Nachala jostakolaw l-aċċess għall-art agrikola u għall-mergħa Palestinjana. Barra minn hekk, wara s-7 ta' Ottubru 2023, Nachala kien fuq quddiem nett fl-isforzi għar-risistemazzjoni tal-Istrixxa ta' Gaża. Fil-kapaċità tagħha bħala Direttur, Daniella Weiss, tippjana, tidderieġi u tappoġġa pubblikament l-atti ta' Nachala. Għalhekk, hija responsabbli għall-iffaċilitar u l-inkoraġġiment ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fix-Xatt tal-Punent u fl-Istrixxa ta' Gaża, inkluż ksur jew abbużi tad-dritt tal-Palestinjani għall-awtodeterminazzjoni, id-dritt tagħhom għall-proprjetà, id-dritt tagħhom għall-ħajja privata u dik tal-familja, kif ukoll id-dritt għall-ħajja u għall-integrità fiżika, li huma ta' tħassib serju fir-rigward tal-oġġettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Fil-kapaċità tagħha bħala Direttur, Daniella Weiss hija wkoll ma' Nachala.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
137.	Meir DEUTSCH	מאיר דויטש (Ortografija bl- Ebrajk)	Nazzjonalità: Iżraeljana Sess: raġel	<p>Meir Deutsch huwa d-direttur ġenerali ta' Regavim, li hija NGO Iżraeljana b'abitant ta' insedjament attiv pro-Iżraeljan u aġenda għall-espansjoni tal-insedjamenti fix-Xatt tal-Punent. Regavim tistitwixxi proċedimenti legali u tillobbja għat-twaqqiġ tal-proprjeta' Palestinjana bl-għan li tespandi l-kontroll ta' Iżrael għax-Xatt tal-Punent kollu.</p> <p>Permezz tal-attivitajiet tagħha, Regavim għandha rwol strumentali fl-iffaċilitar u l-inkoraġġiment ta' atti koerċittivi li għandhom l-għan li jeqirdu l-proprjeta' Palestinjana u jeqirdu d-djar Palestinjani, li jwasslu għall-ispostament furzat tal-Palestinjani u l-ksur tad-dritt tagħhom għall-proprjeta', id-dritt tagħhom għall-ħajja privata u dik tal-familja u d-dritt tagħhom għall-awtodeterminazzjoni, kif ukoll id-dritt ta' kull persuna għat-tgawdija tal-ogħla standard ta' saħħa fiżika u mentali li jista' jinkiseb. Regavim hija responsabbli għal diversi proċedimenti tal-qorti u llobbjat għad-demolizzjoni ta' skola primarja Palestinjana ffinanzjata mill-Unjoni Ewropea fir-raħal ta' Jabbet al Dhib, qrib Bethlehem, fix-Xatt tal-Punent f'Mejju 2023.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>Għalhekk, fir-rwol tiegħu bħala d-direttur ġenerali ta' Regavim, Meir Deutsch huwa responsabbli għall-iffaċilitar u l-inkoraġġiment ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fix-Xatt tal-Punent, inkluż abbużi tad-dritt għall-proprjetà, id-dritt għall-ħajja privata u dik tal-familja u d-dritt għall-edukazzjoni tal-Palestinjani, kif ukoll id-dritt ta' kull persuna għat-tgawdija tal-ogħla standard ta' saħħa fiżika u mentali li jista' jinkiseb, li huma ta' tħassib serju fir-rigward tal-oġġettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
138.	Avichai SUISSA	אביחי סויסה (Ortografija bl- Ebrajk)	Data tat-twelid: 1.7.1986 Nazzjonalità: Iżraeljana Sess: raġel Numru tal-ID: 038172441	Avichai Suissa huwa l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Hashomer Yosh, li hija NGO Iżraeljana li tipprovdi appoġġ materjali u tikkoordina voluntiera għall-ħidma agrikola fuq farms tal-bhejjem, filwaqt li tappoġġa mill-inqas 28 insedjament mhux uffiċjali u insedjamenti vjolenti fix-Xatt tal-Punent, billi tirrekluta voluntiera armati u tipprovdi gwardji involuti f'attakki vjolenti. B'mod partikolari, Hashomer Yosh qed tappoġġa insedjamenti mhux uffiċjali mwaqqfa minn individwi elenkati mill-Unjoni Ewropea: Neria Ben Pazi, fondatur ta' Rimonim Farm Outpost; Zvi Bar Yosef, fondatur ta' Zvi's Farm; Yinon Levi, fondatur ta' Mitarim Farm; u Moshe Sharvit, fondatur ta' Tirza Valley Farm Outpost/Moshe's Farm.	+;

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>Għalhekk, Avichai Suissa huwa responsabbli għall-iffaċilitar u l-inkoraġġiment ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fix-Xatt tal-Punent, inkluż abbużi tad-dritt għall-proprjetà tal-Palestinjani u d-dritt tagħhom għall-awtodeterminazzjoni u d-dritt għall-integrità fiżika u mentali, li huma ta' tħassib serju fir-rigward tal-oġġettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.</p>	

(2) l-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
"38.	Amana magħrufa ukoll bħala Amana – Cooperative Society for Community Settlement Ltd	אמאנא (Ortografija bl- Ebrajk)	Indirizz: Clermont- Ganneau St. 13, Jerusalem Sit web: https://amana.co.il/ Data tar-reġistrazzjoni: 18.2.1979 Numru tar- reġistrazzjoni: 570025742	Amana hija l-kumpanija tal-iżvilupp kooperattiv u s- settlement movement tal-moviment Gush Emunim. Sa mill-ħolqien tagħha, hija kellha rwol ewlieni fit-tnedija, il-finanzjament u l-iffaċilitar ta' mill-inqas 30 insedjament mhux uffiċjali u insedjamenti vjolenti, inkluż insedjamenti mhux uffiċjali mwaqqfa minn individwi elenkati mill-Unjoni Ewropea (Yinon Levi, fundatur ta' Mitarim Farm Outpost; Moshe Sharvit, fundatur ta' Tirza Valley Farm Outpost/ Moshe's Farm; u Isaschar Manne, fundatur tal-insedjament mhux uffiċjali Manne Farm) fix- Xatt tal-Punent okkupat. Flimkien mal-vjolenza tal- abitanti tal-insedjamenti li tirriżulta minnhom, inkluż kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, dawn l- insedjamenti mhux uffiċjali wasslu għall-ispostament mifrux ta' komunitajiet Palestinjani vulnerabbli u n- nuqqas ta' pussess ta' proprjetajiet Palestinjani. L-akbar involviment ta' Amana f'dawn l-insedjamenti mhux uffiċjali illegali vjolenti jinkludu: l-iffaċilitar tal-akkwist tal-art, il-kostruzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' djar, il-bidu u t-tnejn ta' pjanijiet ewlenin tal-insedjamenti u l-finanzjament tal-infrastruttura. F'diversi okkażjonijiet, l-organizzazzjoni u l-ġestjoni tagħha ddikjaraw b'mod ċar l-oġġettiv tagħhom li ma jkollhomx komunitajiet Palestinjani.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>Għalhekk, Amana huwa responsabbli għall-iffaċilitar u l-inkoraġġiment ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fix-Xatt tal-Punent, inkluż abbużi tad-dritt għall-proprjetà tal-Palestinjani u d-dritt tagħhom għall-awtodeterminazzjoni li huma ta' tħassib serju fir-rigward tal-oġġettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
39.	Nachala Movement	נחלה (Ortografija bl- Ebrajk)	Indirizz: West Bank, occupied Palestinian territories Sit web: https://www.nachalaisrael.org/	In-Nachala Movement ('Nachala') għandu l-għan li jippromwovi l-insedjamenti Lhud u l-insedjamenti mhux uffiċjali illegali fix-Xatt tal-Punent. Permezz tal-attivitajiet tiegħu, il-moviment għandu rwol strumentali fl-iffaċilitar u l-inkoraġġiment ta' atti koerċittivi li jwasslu għall-ispostament furzat tal-Palestinjani u jiksru d-dritt tagħhom għall-proprjetà, id-dritt tagħhom għall-ħajja privata u dik tal-familja u d-dritt tagħhom għall-awtodeterminazzjoni, kif ukoll id-dritt għall-ħajja u għall-integrità fiżika. L-insedjamenti mhux uffiċjali ta' Nachala, bħal Evyatar, Maoz Esther, Oz Zion, Ramat Migron, Nachalat Zvi u Haeitam Farm, kienu sorsi persistenti ta' vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti. Bosta minn dawn l-insedjamenti mhux uffiċjali ta' Nachala, fosthom Yahish Zion, Maoz Esther, Oz Zion u Ramat Migron inbnew fuq art Palestinjana privata. L-insedjamenti mhux uffiċjali kollha ta' Nachala jostakolaw l-aċċess għall-art agrikola u għall-mergħa Palestinjana.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>Wara s-7 ta' Ottubru 2023, Nachala kien barra minn hekk fuq quddiem nett fl-isforzi għar-risistemazzjoni tal-Istrixxa ta' Gaża. Għalhekk, Nachala huwa responsabbli għall-iffaċilitar u l-inkoraġġiment ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fix-Xatt tal-Punent u fl-Istrixxa ta' Gaża, inkluż abbużi tad-dritt tal-Palestinjani għall-awtodeterminazzjoni, id-dritt tagħhom għall-proprjetà, id-dritt tagħhom għall-ħajja privata u dik tal-familja, kif ukoll id-dritt għall-ħajja u għas-saħħa fiżika, li huma ta' tħassib serju fir-rigward tal-oġġettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
40.	Regavim magħrufa ukoll bħala Regavim Movement	רגבים (Ortografija bl- Ebrajk)	Indirizz: Rehovot, Mo'din, Jerusalem, Haifa, Maale Adumin, Ariel, Tel Aviv District, Efrat, Bersheeba Sit web: https://www.regavim.org/ Post ta' reġistrazzjoni: Sha'ar Binyamin PO BOX 44439, Jerusalem, Israel, 9144302	Regavim hija NGO Iżraeljana b'abitant ta' insedjament attiv pro-Iżraeljan u aġenda għall-espansjoni tal-insedjamenti fix-Xatt tal-Punent. Regavim tistitwixxi proċedimenti legali u tillobbja għad-demolizzjoni ta' proprjetà Palestinjana bl-għan li tespandi l-kontroll ta' Iżrael għax-Xatt tal-Punent kollu. Permezz tal-attivitajiet tagħha, Regavim għandha rwol strumentali fl-iffaċilitar u l-inkoraġġiment ta' atti koerċittivi li għandhom l-għan li jeqirdu l-proprjetà Palestinjana u jwaqqgħu d-djar Palestinjani, li jwasslu għal spostament furzat tal-Palestinjani. Regavim hija responsabbli għal diversi proċedimenti tal-qorti, u lobbjat, għad-demolizzjoni ta' skola primarja Palestinjana, iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea, fir-raħal ta' Jabbet al Dhib, qrib Bethlehem, fix-Xatt tal-Punent f'Mejju 2023.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>Għalhekk, Regavim hija responsabbli għall-iffaċilitar u l-inkoraġġiment ta' abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fix-Xatt tal-Punent, inkluż ksur tad-dritt għall-proprjeta', id-dritt għall-ħajja privata u dik tal-familja u d-dritt għall-awtodeterminazzjoni u d-dritt għall-edukazzjoni tal-Palestinjani, kif ukoll id-dritt ta' kull persuna għat-tgawdija tal-ogħla standard ta' integrità fiżika u mentali li jista' jinkiseb, li huma ta' tħassib serju fir-rigward tal-oġġettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
41.	Hashomer Yosh magħrufa ukoll bħala Guardians of Judea and Samaria, Guardians of Yehuda and the Shomron, Hashomer Judea and Samaria, Hashomer Yehudah V'Shomron	השומר י"ש (Ortografija bl- Ebrajk)	Indirizz: Esh Kodesh 2, Shilo, 4483000 West Bank, occupied Palestinian territories Sit web: https://hashomeryosh.org/home-en/ Data tar-reġistrazzjoni: 18.6.2013 Numru tar- reġistrazzjoni: 580575629	Hashomer Yosh hija NGO Iżraeljana li ttiprovdi appoġġ materjali u tikkoordina voluntiera għall-ħidma agrikola fuq farms tal-bhejjem, filwaqt li tappoġġa mill-inqas 28 insedjament mhux uffiċjali u insedjamenti vjolenti fix-Xatt tal-Punent, billi tirrekluta voluntiera armati, ttiprovdi gwardji involuti f'attakki vjolenti. B'mod partikolari, Hashomer Yosh qed tappoġġa insedjamenti mhux uffiċjali mwaqqfa minn individwi elenkati mill-Unjoni Ewropea: Neria Ben Pazi, fondatur ta' Rimonim Farm Outpost ; Zvi Bar Yosef, fondatur ta' Zvi's Farm ; Yinon Levi, fondatur ta' Mitarim Farm ; u Moshe Sharvit, fondatur ta' Tirza Valley Farm Outpost/Moshe's Farm. Għalhekk, Hashomer Yosh hija responsabbli għall-iffaċilitar u l-inkoraġġiment ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fix-Xatt tal-Punent, inkluż abbużi tad-dritt għall-proprjetà tal-Palestinjani u d-dritt tagħhom għall-awtodeterminazzjoni u d-dritt għall-integrità fiżika u mentali, li huma ta' tħassib serju fir-rigward tal-obiettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.	***.

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.